**Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**
Il-Ħadd 16 ta' Lulju 2017
Il-XV Ħadd Matul is-Sena
Sena A

**Introduzzjoni**
Illum ser niċċelebraw il-liturġija tal-ħmistax –il Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex nippruvaw nifhmu dak li tgħidilna l-Kelma t'Alla. Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 55, 10-11)
Il-profeta Isaija jgħidilna li l-Kelma t'Alla tinżel fuq il-bnedmin bħax-xita.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 64 (65), 10abcd.10e-11.12-13.14)
Iż-żerriegħa waqgħet f'art tajba, u għamlet il-frott

**It-Tieni Qari** (Rum 8, 18-23)
Aħna lkoll qed nistennew is-salvazzjoni bħala wlied Alla.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 13, 1-23)
Iż-żerriegħa li taqa' f'art tajba tikber u tagħmel il-frott.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Is-sagrifiċċju tal-Kalvarju jibqa' jiġġedded kull darba li niċċelebraw l-Ewkaristija.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Is-smigħ tal-Kelma t'Alla huwa akkumpanjat mill-Ewkaristija.
Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.